

DEĊIŻJONI (UE) 2017/1403 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-23 ta' Ġunju 2017****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2012/6 fuq it-twaqqif tal-Bord tat-TARGET2-Securities (BĊE/2017/20)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 3.1, 12.1 u 12.3 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2012/13 tat-18 ta' Lulju 2012 dwar it-TARGET2-Securities ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Marzu 2016, il-Kunsill Governattiv approva t-twaqqif ta' "Bord dwar l-Infrastrutturi tas-Suq", korp għall-governanza ġdid responsabbli għal kompiti ta' ġestjoni teknika u operattiva fil-qasam tal-infrastrutturi u pjattaformi tas-suq.
- (2) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 ⁽²⁾ għandha tiġi emendata biex tirrifletti it-twaqqif tal-Bord dwar l-Infrastruttura tas-Suq, u l-operazzjoni tal-Bord T2S bħala wieħed mill-formati ddedikati tal-Bord dwar l-Infrastruttura tas-Suq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emendi**

Id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 1***Definizzjonijiet**Termini użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fil-Linja Gwida BĊE/2012/13 ^(*) u fil-Ftehim Qafas tat-T2S approvat mill-Kunsill Governattiv fis-17 ta' Novembru 2011.^(*) Linja Gwida BĊE/2012/13 tat-18 ta' Lulju 2012 dwar TARGET2-Securities (ĠU L 215, 11.8.2012, p. 19).";

2. fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Il-Bord T2S għandu jiġi stabbilit bħala korp ta' governanza bil-kompitu li jiżviluppa proposti għall-Kunsill Governattiv fuq kwistjonijiet strateġiċi ewlenin u jeżegwixxi kompiti ta' natura purament teknika assenjati lil mill-Kunsill Governattiv. Għandu jopera bħala wieħed mill-formati ddedikati tal-Bord dwar l-Infrastruttura tas-Suq (MIB).";

3. fl-Anness I, taħt it-taqsim "Kompożizzjoni" ir-raba' paragrafu huwa mibdul b'li ġej:

"Il-mandat ta' membru tal-Bord T2S idum 24 xahar u jista' jiġġedded. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi mandat iqsar, inkluż meta jirriżenjaw jew jirtiraw membri qabel l-iskadenza tal-mandat tagħhom.";

⁽¹⁾ ĠU L 215, 11.8.2012, p. 19.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2012/6 tad-29 ta' Marzu 2012 dwar it-twaqqif tal-Bord għall-Programm TARGET2-Securities u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2009/6 (ĠU L 117, 1.5.2012, p. 13).

4. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa mibdul b'li ġej:

“3. Il-membri m'għandhomx ikunu involuti direttament fis-superviżjoni tat-T2S jew tad-depożitorji tat-titoli ċentrali li jikkummissjonaw operazzjonijiet ta' saldu lil T2S, sa fejn dak l-involviment jista' jagħti lok għal kunflitti attwali u potenzjali fil-funzjonijiet tagħhom bħala Membri tal-Bord T2S. Għandhom jiġu implimentati miżuri xierqa għall-identifikazzjoni u l-evitar ta' kunflitti bħal dawn. Il-membri m'għandhomx ikunu parti mill-Kumitat ta' Awdituri Interni (IAC), u lanqas m'għandhom ikunu involuti f'Attivitajiet tal-Livell 3 fuq bażi ta' kuljum.”;

(b) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa mħassar.

Artikolu 2

Dispożizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju 2017.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Ġunju 2017.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
